QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 22 TA' MARZU 2002

Avviz Nru:- 1463/00DM

Concetta k/a Cettina Avallone

vs

Maria Elvira Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundannah tal-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) rappresentanti din is-somma self brevi mano maghmula mill-attrici lill-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas- 7 ta' Settembru 2000 u l-imghax mid-data tas-self sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:-

1 It-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha peress illi l-konvenuta ma ghandha taghti ebda ammont lill-attrici;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ill il-provi jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni tal-attrici u tal-Avukat taghha Dr Joseph Giglio u dik tal-konvenuta koroborrata minn bintha Charlotte Xuereb.

Ghalkemm l-attrici issostni li hija silfett il-flus lill-konvenuta 'brevi manu' minghajr ebda skrittura u tghat ukoll xi cirkostanzi meta kienet silfett dawn il-flus dan kollu gie michud mill-konvenuta u minn bintha u ghalhekk fin-nuqqas ta' provi iktar konkreti t-talba attrici ma tistghax treggi.

F'dan ir-rigward, id-deposizzjoni ta' Dr Joseph Giglio ma tistghax issahhah il-verzjoni tal-attrici peress illi fid-diskursata telefonika li kellu din kienet ma persuna illi mhiex identifikata u lanqas ma jirrizulta illi t-telefonata saret lil xi numru registrat f'isem il-konvenuta.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' provi bizzejjed issib illi t-talba attrici ma tirrizultax ippruvat u l-Qorti ghalhekk tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

................................
Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

A. Farrrugia
Dep/Reg Civ33

1463/00DM